VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,970, 28 ta' Settembru, 2012
Taqsima B

A.L. 312 tal-2012

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI FINANZJARJA U L-VERIFIKA (KAP. 174)

Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Emenda Nru. 4)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Emenda Nru.3), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 174.04

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "bħala elenkati fl-Iskeda 2.", għandhom jiżdied l-kliem "Dawn ir-regolamenti jipprovdu wkoll għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2007/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2007 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/665/KEE u 92/13/KEE fir-rigward tat-titjib fl-effettività ta' proċeduri ta' reviżjoni dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi.".

Jemenda r-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali.

3. Il-paragrafu (d) tar-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "sejħa għall-offerti fil-Gazzetta", għandhom jidħlu l-kliem "sejħa għal kwotazzjonijiet fil-Gazzetta";

(b) minflok il-kliem "Dawk l-offerti kollha għandhom", għandhom jidħlu l-kliem "L-offerti u l-kwotazzjonijiet għandhom"; u

(ċ) minflok il-kliem "tal-offerti kollha li jkunu saru", għandhom jidħlu l-kliem "tal-offerti u tal-kwotazzjonijiet li jkunu saru".

Jemenda r-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fis-subregolament (3) tar-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "mill-pubblikazzjoni tal-avviż" għandhom jidħlu l-kliem "mid-data tan-notifika".